**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSETTE DEMICOLI LL.D**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Fabian Fleri)**

**Vs**

**Christopher Scerri**
**Omissis**

Kumpilazzjoni Numru: 862/2013

Illum 20 ta' Novembru 2017

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Christopher Scerri ta' 34 sena iben Ronald u Grace nee' Micallef mwieled Pieta' nhar il-11 ta' Settembru 1978, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 419778M u residenti gewwa Santa Marija Flat 3 Triq Qrejten, Pieta' u omissis talli:

1. Nhar l-4 ta' Settembru 2013 ghall-habta tas-sebgha u kwart ta' filghodu bil-hsieb li jaghmlu delitt u cioe' serq minn gewwa r-residenza bin-numru 5, Triq il-Mithna, Zebbug (Malta) liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-lok u bil-valur li jeccedi il-2329.45 Euros (elf Lira Maltija) ghad-dannu ta' Filippa Borg, urew dan il-hsieb b'atti esterni u taw bidu ghall-esekuzzjoni ta' dan id-delitt liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga indipendenti u accidentali mill-volonta' taghhom;

2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament hassru, ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew

immobbli u cioe'ghamlu hsara fil-bieb principali tal-istess residenza liema hsara hija ta' anqas minn mija u sittax Euro u sebgha u erbghin Euro centezmu (€116.47) u dan ghad-detriment ta' Filippa Borg;

3. U aktar talli fl-istess dati, hin, lok u cirkostanzi irrendew ruhhom recedivi ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta wara li huma ga gew misjuba hatja permezz ta' diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Lil Omissis wahdu akkuzat ukoll talli:

1. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kiser il-provedimenti tal-Kap 446 Artiklu 22 tal-Ligijiet ta' Malta imposti fuqu b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) Magistrat Dr Joseph Apap Bologna LLD datata 31 ta' Jannar 2013, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tinbidel.

Lil Christopher Scerri wahdu akkuzat ukoll talli:

1. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi naqas milli jhares xi wahda mill-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) mill-Magistrat Dr Claire Stafrace Zammit LL.D. fid-digriet taghha ta' nhar is-6 ta' Settembru 2010 li bih tat il-helsien mill-arrest taht depozitu ta' 1,000 Euro u garanzija personali ta' 15,000 Euro.

2. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi naqas milli jhares xi wahda mill-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) mill-Magistrat Dr MarseAnn Farrugia LL.D. fid-digriet taghha ta' nhar it-23 ta' Mejju 2011 li bih tat il-helsien mill-arrest taht depozitu ta' 3,000 Euro u garanzija personali ta' 10,000 Euro.

3. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi naqas milli jhares xi wahda mill-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) mill-Magistrat Dr Edwina Grima LL.D. fid-digriet taghha ta' nhar is-26 ta' Lulju 2010 li bih tat il-helsien mill-arrest taht depozitu u garanzija personali.

Il-Qorti ntalbet sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-

proceduri hekk kif ikkontemplat fl-artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda.

Rat in-nota ta' l-Avukat Generali permezz ta' liema baghat liz-zewg imputati biex jigu gudikati minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub fis-segwenti artikoli:

- Fl-artikoli 41(1)(a), 261(b),(e)(c), 263(a), 269(g), 267, 278, 279(b), 280 u 281 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-artikolu 325(1)(c) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-artikolu 17, 31, 532A u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Fil-konfront ta' Omissis wahdu:

- Fl-artikolu 23 tal-Att dwar il-Probation, Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta;

Fil-konfront ta' Christopher Scerri wahdu:

- Fl-artikolu 579 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-artikolu 579 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- Fl-artikolu 579 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat

L-imputat jinsab akkuzat b'attentat ta' serq aggravate bil-valur li jeccedi l-€2,329.45, bil-lok u bil-mezz; bi hsara volontarja u bl-addebitu tar-recediva a tenur tal-artikolu 49, 50 u 289 tal-Kodici Kriminali.

Mill-provi prodotti jirrizulta li PS 1585 James Weatherill fl-4 ta' Settembru 2013 ircieva telefonata fis-7.15a.m li fi Triq il-Mithna, Zebbug kien hemm zewg persuni li kienu qeghdin jilghabu ma' xi bieb ahdar. B'hekk qabad lix-xufier u huwa flimkien ma' PC 103 Ton Joe Farrugia marru jfittxu. Meta waslu fejn il-bieb inkwistjoni raw li l-bieb kellu daqqiet friski pero' kien imsakkar. Ittawwal mil-letter box, ta daqqa ta' sieq lill-bieb u dahal. Kif dahal mill-ewwel fuq ix-xellug hargu zewgt irgiel li huwa gharaf bhala l-imputat Christopher Scerri u Mario Camilleri li kien ko-akkuzat f'dawn il-proceduri. Camilleri kellu par kalzetti f'idejh li beda jnehhihom bil-mod filwaqt li Christopher Scerri kellu turnavit fil-but tax-xellug, li s-Surgent hadlu mill-ewwel. Huma ma offrewx rezistenza u eventwalment gew arrestati u ttiehdu l-Ghassa. Fuq il-post kien hemm ukoll il-karozza li uza Christopher Scerri li hija fuq isem certu Muriel Micallef li izda ma saritx tfittxija fiha ghaliex kien hemm pitbull. Saret tfittxija fuq il-persuna tal-irgiel u imbaghad is-Surgent dahal jiccekkja d-dar fejn fil-kamra li hargu minnha s-suspettati kien hemm kullimkien imqalleb. Din ix-xhieda giet ikkonfermata mix-xhieda ta' PC 103.

Filippa Borg, sid id-dar, qalet lis-Surgent PS 1585 li kienet ghadha kemm marret il-quddiesa u qaltlu li fid-dar kellha €500 fi flus kontanti u madwar €7,000 f'deheb li kienu imsielet, cpiepet u gizirajjen. Ix-xhud ma ra xejn b'ghajnejh. Is-sinjura Borg xehdet[1] li meta marret lura d-dar mill-quddies rat il-pulizija u sabet il-bieb miftuh. Hija kkonfermat li l-bieb kienet ghalqitu bic-cavetta u kellu xi hsarat. Hija qalet li kellha l-pensjoni. Ma sabet xejn nieqes. Meta xehdet fl-atti tal-inkjesta rreferiet ukoll ghad-deheb izda ma tat ebda deskrizzjoni jew valur.

Fl-atti gie pprezentat ukoll ir-rapport tas-Scene of Crime Officers li gew nominati fl-Inkjesta Magisterjali li mir-ritratti jidher bic-car dak li nstab fuq il-post.

Mill-provi ghalhekk l-imputazzjoni ta' attentat ta' serq giet ippruvata. Il-kwalifici tal-mezz u tal-lok gew ippruvati wkoll inkwantu kien hemm sgass u l-attentat ta' serq kien f'residenza. Inkwantu ghall-kwalifika tal-valur ma giex ippruvat li l-valur kien jeccedi l-€2329.37 invista tan-nuqqas ta' informazzjoni li nghatat mill-parte leza izda gie ppruvat li l-valur ma kienx jeccedi l-€2329.37.

---

[1] Seduta tas-6 ta' Novembru 2013

Inkwantu ghall-hsara volontarja din l-imputazzjoni giet ukoll ippruvata izda dan ir-reat huwa mezz ai fini.

L-imputat jinsab ukoll addebitat bir-recediva a tenur tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kodici Kriminali. Fl-atti ta' dawn il-proceduri gew prezentati vera kopja fotostatika tal-original ta' zewg sentenzi li nghataw fil-konfront tal-imputat odjern u dan qieghed jinghad billi l-konnotati indikati f'dawn iz-zewg sentenzi jikkombacjaw ma' dawk tal-imputat odjern[2]. Permezz tas-sentenza li nghatat mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fl-14 ta' Novembru 2007 l-imputat kien gie kkundannat ghal sentejn prigunerija li gew sospizi ghal erba' snin. Huwa kien instab hati fost ohrajn li kkommetta serq. Imbaghad permezz tas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fl-14 ta' Jannar 2008 l-imputat gie kkundannat ghal hlas ta' multa ta' €1164.69 u ghal sena prigunerija sospiza ghal zmien sentejn. Fid-dawl ta' dawn il-provi migjuba l-imputat ghandu jinstab hati ta' dan l-addebitu.

Illi inkwantu ghall-imputazzjoni li l-imputat kiser il-kundizzjonijiet tal-helsien mill-arrest li kienu impost fuqu permezz ta' tlett digrieti: Gie ezebit vera kopja fotostatika tal-original tad-digriet moghti fis-6 ta' Settembru 2010[3] minn fejn jirrizulta li wiehed mill-ufficjali prosekuturi kien proprju l-Ispettur Fabian Fleri u ghalhekk l-identita' tal-imputat hija ppruvata. F'dan id-digriet l-imputat kellu l-obbligu tar-rinkazar mid-disa' ta' filghaxija u ma setax johrog qabel it-tmienja neqsin kwart ta' filghodu u inoltre' ma kellux jikkommetti delitt iehor ta' natura volontarja. Dawn il-kundizzjonijiet gew ampjament ivvjolati mill-imputat. L-imputat permezz ta' dan id-digriet kien iddepozita l-ammont ta' €1,000 u kellu imposta fuqu garanzija personali ta' €15,000. Gew imbaghad ipprezentati zewg digriet ohra[4] li pero' ma ngabitx il-prova tal-identita' tal-imputat dwarhom u ghalhekk din il-Qorti ma tistax issibu hati ta' ksur tal-istess. Inkwantu ghal tali ksur mid-data ta' meta sehh ir-reat sallum kien hemm tibdil fil-Ligi li pero' billi kif inhu risaput il-Qorti jkollha tapplika l-aktar ligi favorevoli ghall-imputat li f'dan il-kaz hija l-ligi fid-data ta' meta twettaq ir-reat. Jinghad ukoll li f'dak iz-zmien kienet diskrezzjonali fuq il-Qorti jekk tordnax il-konfiska tad-depozitu u l-garanzija

[2] Dok FF4 u Dok FF5 a fol 160 et sequitur tal-process.
[3] Dok FF6 a fol 174 tal-process
[4] Dok FF7 u Dok FF8 a fol 182 u 183 tal-process

personali impost u invista ta' dan din il-Qorti mhux se tordna tali konfiska.

Illi inkwantu ghall-piena din il-Qorti qeghda tiehu in kunsiderazzjoni n-natura tar-reati u l-fedina penali tal-imputat. Fic-cirkostanzi tqis li ghandha tikkundanna lill-imputat ghall-piena ta' prigunerija effettiva.

Illi f'dawn il-proceduri giet esebita vettura targata JAZ 618 tal-ghamla Mitsubishi Pajero li nstabet vicin ir-residenza li sar l-attentat ta' serq minnha. Mill-atti jirrizulta li tali vettura tappartjeni lil certu Muriel Micallef li ma kellha x'taqsam xejn ma' dawn il-proceduri u ghalhekk anki a tenur ta' dak li jipprovdi l-artikolu 23 tal-Kodici Kriminali tali vettura mhux se tigi kkonfiskata.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat l-artikoli 41(1)(a), 261(b),(e)(c), 263(a), 269(g), 267, 278, 279(a), 280, 281, 325(1)(c), 49, 50, 289 u 579 ilkoll tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta issib lill-imputat hati tal-ewwel tlett imputazzjonijiet migjuba fil-konfront hlief li inkwantu ghall-aggravju tal-valur qieghed jinstab hati that l-artikolu 279(a) u mhux taht l-artikolu 279(b) tal-Kodici Kriminali, u inkwantu ghall-imputazzjoni relattiva ghall-ksur tal-kundizzjonijiet tal-helsien mill-arrest qeghda ssib lill-imputat hati biss li kiser il-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti tal-Magistrati(Malta) fid-digriet tas-6 ta' Settembru 2010 u mill-bqija ma ssibux hati ghall-ohrajn u minnhom tilliberah u ghalhekk tikkundannah ghal seba' (7) xhur prigunerija u ghal hlas ta' multa ta' erba' mitt euro (€400).

Inoltre' wara li rat l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti tikkundanna lill-imputat ihallas l-ammont ta' €222.87 rapprezentanti nofs il-hlas dovut lill-esperti nominati.

**Dr Josette Demicoli LL.D**
**Magistrat**